*-HLAS TA' PAGA, OVERTIME, BONUS-*

*- "LIS ALIBI PENDENS"; ART.792, KAP 12 -*

*- INDIPENDENZA TAL-KAWZA KRIMINALI MIN DIK CIVILI -*

*-ART.6 TAL-KAP 9-*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 2 ta' Ottubru 2001**

**Kawza Numru: 17**
**Citazzjoni Numru: 627/99/RCP**

**Mario Azzopardi**

**vs**

**Il Pamento Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur dam impjegat mas-socjeta` konvenuta mill-4 ta' Mejju 1998 sal-21 ta' Frar 1999 permezz ta' kuntratt indefinit;

Illi fil-21 ta' Frar 1999 gie tterminat l-impjieg ta' l-attur minn mas-socjeta` konvenuta u dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi l-attur huwa debitur tas-socjeta` konvenuta fl-ammont komplessiv ta' tlett elef mija sebgha u disghin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm3,197.17c0) rappresentanti arretrati, *allowances*, *bonus*, hlas ta' vaganzi mhux utilizzati, u hlasijiet li ghadhom dovuti ghal *overtime* u hidma fil-granet ta' festa jew Hdud, u dan skond id-dokument anness u mmarkat bhala Dok A.

Illi l-attur interpella lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas l-ammont imsemmi, izda din baqghet inadempjenti.

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut, u s-socjeta` konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet xi tressaq ghat-talba attrici u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi ghat-tenur tal-artikoli 167 u 170 tal-Kodici u Organizazzjoni u Procedura Civili u l-attur qieghed jannetti ma' dan l-att Affidavit (Dok B) ghall-iskop tal-istess artikoli msemmija.

L-istess attur talab li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-attur bid-dispensa tas-smigh ghat-tenur tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici u Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' tlett elef mija sebgha u disghin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm3,197.17c0) rappresentanti arretrati, *allowances*, *bonus*, hlas ta' vaganzi mhux utilizzati, u hlasijiet li ghadhom dovuti ghal *overtime* u hidma fil-granet ta' festa jew Hdud, u dan skond id-dokument anness u mmarkat bhala Dok A.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Marzu, 1999 tal-Mandati ta' Sekwestru u Qbid ipprezentati kontestwalment u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali – kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 6 tal-process;

Rat il-verbali tal-14 ta' April 1999, fejn Dr Borg Cardona ddikjara li s-socjeta` konvenuta ghandha eccezzjonijiet validi x'taghti u talab li jipprezenta Nota ta' eccezzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u ddifferiet il-kawza ghat-8 ta' Novembru 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-26 ta' April 1999 a fol 14 tal-process fejn gie eccepit:

(1) Preliminarajament, *lis alibi pendens* stante illi l-konvenuti huma nformati illi d-Dipartiment tax-Xoghol gie inkarigat mill-attur sabiex jipprocedi biex jigbor l-ammont rikjamat minnu.

(2) Sussidjarjament u minghajr pregudizzju, illi l-pretenzjonijiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi dak li qed jippretendi huwa kopert mill-kuntratt ta' impieg tieghu, b'dan illi s-sieghat li hadem - apparti li jridu jigu ppruvati - kienu koperti mill-paga li kellu, liema paga kienet wahda superjuri ghall-paga minima nazzjonali u intiza bi qbil bejn il-partijiet illi tkopri s-sieghat li attwalment kellu jahdem l-attur.

(3) Illi in kwantu ghall-ispejjez, l-attur ghandu jsofri tali spejjez stante illi hu kien ga nkariga lid-Dipartiment tax-Xoghol, kif fuq indikat, fuq l-istess vertenza u ghalhekk dawn il-proceduri huma inutli.

Salv kull eccezzjoni ulterjuri spettanti lill-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni a fol 15 tal-process.

Rat in-nota ta' Mario Azzopardi tal-14 ta' Settembru 1999 fejn permezz taghha esebixxa tlett affidavits (fol 20 sa 28 tal-process).

Rat il-verbali tat-8 ta' Novembru 1999, tat-3 ta' Mejju 2000, tal-4 ta' Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, tat-2 ta' Novembru 2000, tas-6 ta' Marzu 2001, tal-24 ta' Mejju 2001 fejn xehed Mario Caruana u Dr Anthony Ellul iddikjara li m'ghandux provi aktar, inghata digriet tal-affidavit lis-socjeta` konvenuta ta' 30 jum, u l-kawza giet differita ghall-konkluzzjoni tal-provi tas-socjeta` konvenuta ghall-11 ta' Lulju 2001.

Rat il-verbal tal-11 ta' Lulju 2001 fejn is-socjeta` konvenuta u d-difensur taghha msejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti peress li s-socjeta` konvenuta ma resqet ebda provi u lanqas prezentat affidavits fit-terminu ndikat fid-digriet taghha tal-24 ta' Mejju 2001, iddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghat-2 ta' Ottubru.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din l-azzjoni qed issir mill-attur stante li qed jallega li nonostante li s-socjeta' konvenuta tterminat l-impjieg tieghu maghha, hija ghad trid thallas lill-istess attur l-ammont ta' tlett elef mija sebgha u disghin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm3,197.17c0) rappresentanti arretrati, *allowances*, *bonus*, hlas ta' vaganzi mhux

utilizzati, u hlasijiet li ghadhom dovuti ghal *overtime* u hidma fil-granet ta' festa jew Hdud, u dan skond id-dokument anness u mmarkat bhala Dok A.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess attur beda jahdem bhala *barman* mas-socjeta' konvenuta fil-4 ta' Mejju 1998 fil-Lancja Kafe', Tigne' Seafront Sliema, u dan bil-paga ta' Lm80 fil-gimgha mis-7.00.a.m. sal-4.00.p.m. jew alternattivament bejn l-4.00.p.m. sas-1.00.a.m jew 2.00.a.m. minghajr *break.*

Illi l-istess attur allega li ma inghata l-ebda *leave* u lanqas *bonus* skond il-ligi, hlief is-somma ta' Lm90.22. wara hafna tgergir min-naha tieghu. Fil-fatt l-istess attur ilmenta ma ufficjal tad-Dipartiment tax-Xoghol u Impjieg dwar dan u wkoll li kien qed jahdem hafna sieghat zejda, inkluz il-Hdud, sibtijiet u Festi, Milied u l-ahhar u l-ewwel jum tas-sena, u baqa' ma thallasx taghhom. L-istess ufficjal kellem lil Gino Santonocito, d-direttur tas-socjeta' konvenuta, u kellu jsir kuntratt bil-miktub, pero' peress li dak propost mis-socjeta' konvenuta kien indikat li l-attur kellu jkollu Lm205.31 fix-xahar meta fil-fatt l-attur dejjem thallas Lm80 fil-gimgha, u wkoll peress li giet mnizzla klawsola li huwa kellu jircievi pagament wiehed biss ghall-leave li ma kienx ha u wkoll ghas sieghat zejda li hadem fil-*weekends* u Hdud u festi, l-istess attur ma accettax li jiffirma tali ftehim.

Illi minhabba dan ir-rifjut da parte tal-attur li jiffirma l-istess kuntratt huwa gie mkecci mix-xoghol tieghu fil-21 ta' Frar 1999.

Illi l-istess attur sostna li kellu jiehu dawn l-ammonti indikati minnu a fol. 5 u 23 tal-process:-

| | | | |
|---|---|---|---|
| (a) | Gimgha arrerrati. | Lm80.00,0. | + |
| (b) | Differenza fil-pagi ghal 3 gimghat fejn iricieva biss Lm40 fil-gimgha. | Lm120.00,0. | |
| (c) | Cost of Living Increase 1.01.1999 - 21.02.1999. | Lm7.00.0. | |
| (d) | Differenza fil-*bonus*. | Lm25.78.0. | |
| (e) | Weekly allowance 14.04.1998 – 21.02.1999 | Lm90.00.0. | |
| (e) | 24 jum *Vacation Leave* | Lm323.07,0. | |
| (f) | 11 *Public Vacation Leave.* | Lm146.66,0. | |
| (g) | 44 Hdud b'hin doppju. | Lm594.66.0. | |
| (h) | 616 Siegha *Overtime* ghal 1 ½ (gimgha ta' 54 siegha). | Lm1,890.00.0. | |
| | Total. | Lm3,277.17,0. | - |
| | Tnaqqis Lm80 pagament akkont. | Lm80.00,0. | |
| | Bilanc Dovut ta' | Lm3,197.17,0. | |

Illi din ix-xhieda moghtija bl-affidavit mill-attur giet ikkoroborata minn Josephine Folini, li kienet l-gharusa tieghu, fl-affidavit taghha tal-4 ta' Settembru 1999, u ta' Luigi Xuereb permezz tal-affidavit tieghu tas-7 ta' Settembru 1999.

Illi apparti minn dan kollu jirrizulta li l-attur ressaq l-ilmenti tieghu lid-Dipartiment tax-Xoghol, kif jirrizulta mill-korrispondenza relattiva tal-1, l-10 u l-20 ta' Marzu 1999 a

fol. 46, 45, u 44 tal-process rispettivament. Fil-fatt jirrizulta mix-xhieda ta' Mario Caruana, rappresentant tad-Dipartiment tax-Xoghol tal-24 ta' Mejju 2001, li l-istess socjeta' konvenuta kienet qablet dwar is-somma tal-arretrati, d-differenza tat-tlett gimghat paga ta' Lm120, dwar iz-zieda tal-*cost of living increase* ta' Lm7, tal-*bonus* ta' Lm25.78, u *weekly allowance* ta' Lm90, pero' ma qablitx dwar il-*leave, public holidays u overtime.* Mill-file relattiv, dejjem skond ix-xhieda tal-istess ufficjal, jirrizulta li l-istess socjeta' intimata ma hallsitx ghaliex allegat li l-attur kien issekwestra flus tal-kumpanija li kienu qed jippregudikaw l-operat tal-istess socjeta'. L-istess socjeta' allegat ukoll li hija kienet hallset lill-attur l-ammont ta' Lm1,320 ghall-ahhar erba punti imsemmija fil-*claim* tieghu, u dan kollu jirrizulta mill-istess ittra tas-socjeta' intimata datata 10 ta' Marzu 1999 li hija baghtet lill-istess Dipartiment tax-Xoghol u li kif diga inghad tinsab esebita a fol. 45 tal-process.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll pruvati anke bix-xhieda tal-istess attur u bil-korroborazzjoni tax-xhieda hawn fuq indikati mresqa minnu, mentri min-naha tas-socjeta' konvenuta din ma resqet ebda provi sabiex issostni l-allegazzjonijiet taghha li hija hallset lill-attur dak kollu lilu dovut, u dan huwa iktar serju ghaliha stante li hija kellha l-obbligu li tipprova almenu dak li hija qed tallega fit-tieni (2) eccezzjoni taghha, u dan abbazi tal-principju li min jallega ghandu d-dmir u l-oneru li jipprova tali allegazzjonijiet tieghu.

Illi pero' mhux hekk biss,  izda jirrizulta li waqt li t-tieni eccezzjoni tal-konvenut qed issostni li l-attur ma ghandu jiehu xejn ghaliex thallas dak kollu li kien dovut lilu abbazi tal-allegat ftehim bejn il-partijiet (ukoll mhux pruvat mill-istess socjeta' konvenuta) mill-ittra tal-istess direttur tas-socjeta' konvenuta datata 10 ta' Marzu 1999 jidher li l-istess socjeta' konvenuta kienet ammettiet in parte almenu l-pretensjoni attrici u dan dwar l-ewwel hames (5) punti indikati fl-ittra tad-Dipartiment tax-Xoghol tal-1 ta' Marzu 1999, u allura jirrizulta wkoll li l-allegazzjoni tas-socjeta' konvenuta f'din it-tieni eccezzjoni hija wkoll inkorretta u addirittura kontradetta in parti mill-istess socjeta' konvenuta innifisa, tant li fl-istess ittra sostniet li:-

*"Finally, I would like to point out that the company is not contesting points 1 to 5 in your letter which amounts due, will be settled in due course".* (fol.45).

Illi lanqas jirrizulta li dawn l-ammonti gew imhallsa u ghalhekk din l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ma tistax tigi milqugha w accetta.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni ta' *lis alibi pendens* ma jirrizultax li hemm kawza ohra civili bejn l-istess partijiet fuq l-istess suggett pendenti quddiem il-Qrati Civili *ai termini* tal-**artikolu 792 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk certament li din l-eccezzjoni ma ghandha ebda fondament guridiku.

Illi jekk is-socjeta' konvenuta qed tirreferi ghall-azzjoni kriminali li setghet giet istitwita mid-Dipartiment tax-Xoghol kontra l-istess diretturi tas-socjeta' konvenuta jew kontra l-istess socjeta' konvenuta, tali procedura hija ta' natura kriminali u ghalhekk, stante wkoll id-disposizzjoni tal-**artikolu 6 tal-Kap 9** li tistipula li *"l-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement wahda mill-ohra",* ma tikkwalifikax bhala kawza ohra pendenti skond l-**artikolu 792 tal-Kap 12.** Fil-fatt fl-ahhar imsemmi artikolu l-kawzi li l-istess ligi qed tirreferi ghalihom huma dawk ta' kompetenza civili u mhux kriminali; dan apparti il-fatt li fl-istess proceduri l-partijiet huma wkoll differenti, tant li fil-fatt l-attur odjern ma huwiex parti fil-proceduri li setghu qed jittiehdu kontra s-socjeta' intimata jew id-diretturi f'sede ohra.

Illi abbazi ta' dak fuq espost it-tielet eccezzjoni dwar l-ispejjez tal-kawza hija wkoll infondata stante li kull procediment li setgha ittiehed mid-Dipartiment tax-Xoghol skond il-ligi ma jwaqqafx lill-attur sabiex jipprocedi civilment u gudizzjarment kontra s-socjeta' konvenuta sabiex jithallas tal-ammont minnu reklamat.

Illi ghalhekk in vista ta' dan kollu t-talba attrici ghandha tigi milqugha filwaqt li l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ghandhom jigu michuda.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, **tilqa t-talbiet attrici** b'dan li:

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' tlett elef mija sebgha u disghin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm3,197.17c0) rappresentanti arretrati, *allowances, bonus*, hlas ta' vaganzi mhux utilizzati, u hlasijiet li ghadhom dovuti ghall-*overtime* u hidma fil-granet ta' festa jew Hdud, u dan skond id-dokument anness mac-citazzjoni attrici u mmarkat bhala Dok A.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Marzu, 1999 tal-Mandati ta' Sekwestru u Qbidipprezentati kontestwalment mac-citazzjoni attrici u bl-imghax legali mid-data tat-3 ta' Marzu 1999 sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**2 ta' Ottubru 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**2 ta' Ottubru 2001**